**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-24 ta' Ġunju 2024

Avviż Numru: 122/2023NHV

**GO p.l.c.**
(C22334)

**vs.**

Dottor Josette Sultana bħala Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta l-interessi tas-soċjetà konvenuta
**THU Limited**
(C85848)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-16 ta' Mejju 2023, li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà intimata tas-somma ta' disat'elef ħames mija u tmienja u ħamsin ewro (€9,558) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bir-referenza D-THULTD;

Illi stante li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet waħda tat-tip kummerċjali għandhom japplikaw l-imgħaxijiet kummerċjali u dan b'effett mill-24 ta' Ottubru 2019 u cioe l-ġurnata ta' wara l-iskadenza ta' tletin (30) jum wara l-ħruġ tal-fattura li matulhom kellu jsir il-ħlas, u dan ai termini tal-Artikolu 26C tal-Kapitolu 13 u l-Artikolu 1141 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata, inġunta in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà intimata ma ġietx notifikata kemm bl-Avviż promotur u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti talbet illi jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà intimata liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet appożitu mogħti fit-18 ta' Diċembru 2023 illi permezz tiegħu ġiet maħtura Dottor Josette Sultana sabiex tirrappreżenta l-interessi ta s-soċjetà intimata.

Il-Kuratur Deputat, debitament notifikata, ippreżentat **risposta** fit-8 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha hija ddikjarat li f'dak l-istadju ma kinitx edotta mill-fatti u għalhekk irriżervat li tippreżenta risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proċeduri jekk ikun il-każ.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti fosthom ix-xiehda ta' Roberta Bartolo, Senior Credit Control Officer impjegata tas-soċjetà rikorrenti[1] minn fejn irriżulta li s-soċjetà rikorrenti pprestat servizz ta' Wi-Fi lis-soċjetà intimata għal konferenza li tal-aħħar organizzat ġewwa l-Forti Sant'Iermu. Ikkonfermat id-Dokument B1 bħala sales order iffirmata minn rappreżentanta tas-soċjetà intimata, u d-Dokument A bħala l-fattura maħruġa minn GO p.l.c. sabiex titlob il-ħlas lilha dovut skont il-ftehim pattwit bejn il-partijiet.

Ippreżentat serje ta' imejls skambjati bejn il-partijiet fejn hija qiegħda titlob il-ħlas dovut lil GO p.l.c. u s-soċjetà intimata, filwaqt li qatt ma tinnega li l-ammont kien dovut, titlob iktar żmien għall-ħlas.

[1] Minnha mogħtija nhar l-14 ta' Frar 2024;

Il-Qorti tqis li t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti ġiet sodisfaċentement ippruvata minnha u kwindi ser tkun milqugħa.

Fir-rigward tat-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħlas tal-imgħax b'effett mill-24 ta' Ottubru 2019, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 26C tal-Kapitolu 13 u l-Artikolu 1141 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis illi din it-talba hija waħda ġustifikata in vista tan-natura kummerċjali tat-tranżazzjoni bejn il-partijiet.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata THU Limited tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' disat'elef ħames mija u tmienja u ħamsin ewro (€9,558), bl-imgħax legali dekorribbli b'effett mill-24 ta' Ottubru 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a karigu tas-soċjetà intimata.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur